A.L. 189 ta' l-2003

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP.370)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prospetti ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv fl-Att dwar Servizzi ta' Investimenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investment, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, bil-parir ta' l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prospetti ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv fl-Att dwar Servizzi ta' Investimenti, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Prospetti ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv fl-Att dwar Servizzi ta' Investimenti, hawn iżjed' il quddiem imsejjħa " ir-regolamenti prinċipali" . A.L. 103 ta' l-1996.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awissu, 2003.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir - regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara t-tifsira "awtorità kompetenti" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "offerta lill-pubbliku" għandha l-istess tifsira bħal dik fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, u referenza għall-kliem " Reġistratur'' u "azzjonijiet'' għandha titqies bħalha referenza għall-" awtorità kompetenti'' u "unitajiet'' rispettivament; u fejn l-offerta ma tkunx inħarġet minn kumpannija, id-disposizzjonijiet relevanti ta' dak l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dawk l-offerti;" .

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subregolament (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

" (1) L-ebda skema ma għandha toffri xi unità minn tagħha lill-pubbliku kemm-il darba ma tkunx ħarġet prospett illi jħares dawn ir-regolamenti u illi jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' spezzjoni mill-pubbliku." ;

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kliem "għalih.", għandhom jidħlu l-kliem "għalih:

Iżda l-iskemi ta' investiment kollettiv, li skond regolamenti taħt l-Att huma eżenti mill-ħtieġa għal liċenzja taħt l-artikolu 4 ta' l-Att, huma pprojbiti milli jagħmlu offerti ta' l-azzjonijiet tagħhom lill-pubbliku kemm-il darba ma jkunx hemm l-approvazzjoni minn qabel ta' l-awtorità kompetenti li tista' timponi dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet hekk kif jidhrilha xieraq." ; u

(ċ) minflok is-subregolament (7) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(7) Meta l-iskema tkun kumpannija, soċjetà in akkomandita jew soċjetà limitata jew soċjetà kummerċjali oħra ffurmata u reġistrata taħt il-liġijiet ta' Malta, jew tkun kumpannija jew korp magħqud ieħor kostitwit jew inkorporat barra minn Malta, għandha tiġi ddepożitata kopja ffirmata tal-prospett għand ir-Reġistratur tal-Kumpanniji qabel il-ħruġ tal-formula ta' l-applikazzjoni għas-sottoskrizzjoni ta' l-azzjonijiet. Din il-kopja għandha tkun iffirmata mill-inqas minn żewġ diretturi jew persuni li jkollhom karigi ekwivalenti, jew minn direttur wieħed u s-segretarju tal-kumpannija, jew mill-inqas minn żewġ persuni li jkunu awtorizzati bil-miktub kif imiss mill-Bord tad-Diretturi għaldaqshekk, f'liema każ, għandha tkun depożitata wkoll l-awtorizzazzjoni tal-Bord jew vera kopja ċertifikata tagħha.''.

Żieda tar-regolament 8 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan ir-regolament 8 ġdid li ġej:

"Linji ta' Gwida li japplikaw.

8. Meta l-iskema tkun tikkwalifika bħala fond għall-investituri professjonali skond il-Linji ta' Gwida maħruġa għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti, kull prospett jew dokument ieħor ta' offerta maħruġ mill-iskema għandu jaqbel ma' dawk il-ħtiġijiet li l-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien tistabbilixxi permezz ta' l-imsemmija Linji ta' Gwida, u r-regolamenti 3 sa 7 ta' dawn ir-regolamenti ma jkunux japplikaw.''.